KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 29

Id-disa u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fis-6.45pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
2. *Aġġornament*

## 1. SUGGERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

1.1 Is-Sindku prezenta pjanta ġdida ta' kif sid ta' ħanut fi Triq Bisazza qed jipproponi li iqiegħed mwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsiru *Triq Bisazza*

mwejjed, izda isir il-bank biss bil-qisien kif muri fil-pjanta. Il-bank jiġi mwaħħal mar-*railing*, u mhux ma lart.

1.2 Is-Sindku prezenta applikazzjoni mis-Socjeta Muzikali San Girgor, fejn dawn qed japlikaw għall-attivita muzikali fuq il-promenade, faċċata ta' Triq Isouard. Il-Kunsill qal li skond ir-regoli gwida li l-Kunsill Lokali stabilixxa, is-socjeta diġa ezawriet in-numru ta' attivitajiet li għalihom huwa lest li jgħati permess għal din is-sena. Apparti minn hekk, il-Kunsill huwa konxju mill-inkonvenjent ta' storbju li din l-attivita tista toħloq jekk issir fuq il-promenade. Hawn il-Kunsill iddecieda ukoll li ma jgħatix aktar permessi ta' attivitajiet muzikali fuq il-promenade. *Attivitajiet muzikali – San Girgor*

1.3 Is-Sindku prezenta ukoll email fejn resident qed jgħamel talba għall-rifuzjoni ta' Danni fi Triq Sant' Agatha, wara li l-Kunsill għamel it-triq u bankina gdida. Is-Segretarju hawn qal li malli daħal dan ir-rapport, hu għaddieh lill-Perit tal-Kunsill għall-verifika immedjata, peress li r-resident kien qed jidħollu id-drenagg gol-*basement*. Is-Segretarju qal li informa lill-kuntrattur mal-ewwel ukoll, fejn il-kuntrattur wieġeb li irid jiltaqa malajr mal-Perit biex din tissolva. Il-Perit izda sa llum il-ġurnata kien għadu ma ikowordinax. Sadanittant, ir-resident ma riedx jistenna aktar bid-drenagg niezel fil-*basement* u sewwa kollox a spejjes tiegħu. *Triq Sant'Agatha*

1.4 Il-Kunsill qabel li qabel ma isir ir-rifuzjoni tal-ħlas tad-danni. Il-Perit jiċċertifika li l-ispejjes tat-tiswijiet huma *fair and reasonable.*

1.5 Is-Sindku prezenta ukoll talba għall-danni oħra minn resident fi Triq St. Domenic. Hawn ir-resident ressaq rapport tal-Pulizija, flimkien ma rapport tal-Perit tiegħu, fejn ġie spjegat kif minħabba negliġenza tal-Kunsill li jsewwi il-bankina fil-ħin, dawn saritilom ħsara estensiva fil-medda tad-drenagg u kellhom isewwu kollox a spejjes tagħhom. Il-Kunsill qabel li jħallas dawn l-ispejjes. *Triq San Duminku*

1.6 Is-Segretarju spjega kif sar rapport mill-ġirien tad-Day Centre tal-Anzjani fejn dawn qed ikollom ħsarat fil-ħajt tal-appogg, peress li jidher li hemm xi *leakage* ta' ilma mid-Day Centre. Il-Kunsill qabel li jinġiebu quotes biex tissewwa din il-ħsara. *Ħsarat ħdejn Day Centre*

1.7 Il-Kunsillier M Briguglio issuġerixxa illi d-direzzjoni tat-traffiku f' Howard street iddur, biex b'hekk tiġi tgħati minn Triq Stella Maris għal Triq Borg Olivier. *Direzzjoni tat-traffiku*

1.8 Il-Kunsillier M Briguglio qal li l-aħħar applikazzjoni ta' Townsquare hi għal zvilupp ta' 24 sular. Hu qal li dan l-għoli huwa eċċessiv. Il-Kunsill qabel li naraw meta hu l-aħħar li l-Kunsill jista jibgħat ir- *Proġett – Townsquare*

raprezentazzjonijiet.tiegħu fuq din l-applikazzjoni, u umbgħad skond id-*deadline* nitolbu prezentazzjoni tal-progett minghand l-applikant.

1.9 Il-Kunisllier M Briguglio issugerixxa li jitqiegħed gwardjan pajzan biex iħarrek lil min iħammeg bil-kelb quddiem Centru San Girgor. Il-Kunsill qabel. Huwa issuġerixxa ukoll li jizdiedu zewg bankijiet quddiem l-HSBC. *Patroling*

1.10 Il-Viċi Sindku K Busietta issuġerixxa li Triq Don Rua issir one way. Il-Kunsill qabel li din titqiegħed fuq l-Agenda tal-laqgha li jmiss. *Triq Don Rua*

1.11 Il-Viċi Sindku K Busietta issuġerixxa ukoll li d-dwal tal-promenade jibdew jixgħelu permezz tar-riħ jew bix-xemx. Huwa irrapporta ukoll li hemm xi ġebel qed jaqa fejn it-Torri. *Dwal matul il-promenade*

1.12 Il-Viċi Sindku K Busietta propona ukoll li fil-kantuniera ta' Dingli Circus (fejn Meat and Eats) issir rampa. Il-Kunsill qabel. *Rampa – Dingli Circus*

1.13 Il-Kunsillier J Pillow qal li hemm bzonn issir tindifa tal-*culvert* li hemm quddiem Amy's ix-Xatt. Is-Segretarju fakkar li l-fond għal dawn l-ispejjes diga ġie ezawrit ghal din is-sena. Il-Kunsill xorta waħda qabel li jiproċedi. *Tindif ta' culverts*

1.14 Il-Kunsillier J Pillow talab li jiġi verifikat liema *billboards* li hemm ix-Xatt għandhom *enforcement* fuqhom mill-MEPA u liema huma bil-permess *Billboards*

1.15 Il-Kunsillier J Pillow issuġerixxa ukoll li nordnaw Pulizija Extra Duty fi Triq Bisazza, u li jitqegħdu quddiem il-Plaza, sabiex iħarrku kull min jinzel fit-triq fil-ħinijiet mhux awtorizzati. Ġurnata filgħaxija u ġurnata f'nofsinhar. Il-Kunsill qabel ma dan. *Triq Bisazza*

1.16 Il-Kunsillier D Muscat issuġerixxa li jitqiegħed *dog bin* fi Triq San Karlu kantuniera ma San Piju. Hekk kif ukoll nordnaw *dog signs* b'lingwi differenti. *Bins u tabelli dwar ħmieġ tal-klieb*

1.17 Il-Kunsillier D Muscat fakkar ukoll biex nibdew niddiskutu fuq Jum Tas-Sliema. Sindku iddiriega lil D Muscat biex jgħaqqad il-Kumitat. *Jum Tas-Sliema*

1.18 Il-Kunsilliera M Aquilina qalet li dwar l-aħħar intervisti għall-skrivan/a, għandna nistaqsu lis-Sur Luca Tufigno ghadux interessat, qabel mmexxu ghall-aktar intervisti. Il-Kunsill qabel. *Skrivan/a tal-Kunsill*

1.19 Il-Kunsillier P Portelli talab li jinġiebu kwotazzjonijiet biex tissewwa l-*fence* ta' fejn it-Torri. Hawn il-Kunsillier J Pillow talab ukoll li insewwa *Tiswijiet – fejn it-Torri*

partijiet tat-tapit tal-bandli ta' fejn it-Torri bl-irħas mod possibbli.

| | | |
|---|---|---|
| *1.20* | Fuq suġġeriment tal-Kunsillier P Portelli, il-Kunsill qabel li ngħamlu skeda ta' *green wardens* għall-agenda li jmiss. | *Skeda tal-Green Wardens* |

## 2. AĠĠORNAMENT

2.1 Is-seduta ntemmet fid-9.30pm. Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Settembru 2014 fis-6pm

Minuti approvati llum 30/09/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**